# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI Nru. 1197

Kaz Nru. 1313

Fil-Kwistjoni Tax-Xoghol

bejn

Fernando Cremona

u

Practical Trading Co. Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data 3 ta' Mejju 2001

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politka Socjali permezz ta' ittra datata 15 ta' Frar 1999 Referenza MSP/TI/14/99 biex tigi processata skond il-Provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta ' Malta.

It-Tribunal zamm dsatax (19) il-seduta.

Is-Sur Fernando Cremona aktar il-quddiem jissejjah l-appellant kien assistit minn l-avukat Mark Busuttil.

Is-Sinjuri Steve Sullivan u Charles Axisa Diretturi aktar l-quddiem jissejhu l-kumpanija kienu assistiti mill-avukat Raphael Fenech Adami.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellant f'istqarrija tal-kaz jghid illi gie imkecci ghall ebda raguni valida skond il-ligi. Illi kien wegga waqt ix-xoghol meta kien ilu mas-socjeta ntimata ghal aktar minn tliet xhur. Illi fl-1 ta' Frar 1999 gie mkecci u ma gie moghti ebda spjegazzjoni.

Fl-istqarrija tal-kaz il-kumpanija tghid illi ma kinitx kuntenta bil-kompartiment tal-appellant tista' tghid mill-bidu nett, pero dejjem baqghet tiehu pacenzja bih bl-isperanza li forsi xi darba jibdel l-attitudni negativa tieghu.

Illi l-appellant kien jaqla' hafna nkwiet bejn id-deliverymen l-ohrajn b'hafna parlar fil-vojt u jxewwixhom. Kien jaqla wkoll problemi mas-salespersons. Tal-hwienet kienu jcemplu u jghidu lis-salesman li saru "short deliveries". F'dawn l-okkazzjonijiet l-appellant dejjem ighid li kien ghamel id-delivery. Matul iz-zmien kellu diversi twissijiet.

Illi kien ha gimgha sick leave ghax gibed in-nervituri kollha ta' daharu Waqt iz-zmien li kien bis-sick leave l-appellant mar l-ufficcju isuq il-Land Rover tieghu, it-triq tal-ufficcju mhix bit-tarmac u mharbta hafna u tela' sular tarag wieqaf biex jimla' c-certifikat tas-sick.

Illi kien impossibli li seta' jaghmel dan jekk gibed in-nervituri kollha ta' daharu.

**Konsiderazzjonijiet**

L-appellant kien ilu fl-impjieg mal-kumpanija ghal erba' xhur, xogholu kien ta' deliveryman li jqassam ix-xoghol fil-hwienet skond l-ordnijiet li jkunu ghamlu s-salesmen u jigbor il-flus mal-invoices u fl-ahhar jaghmel il-kont mal-iskrivan.

L-ordnijiet kif u fejn imur bix-xoghol kien johodhom minghand l-istorekeeper. Il-kumpanija tghid illi mill-bidu kellu problemi ma' zewg hwienet fejn qalu li ma kinux ircevew il-kaxxi tal-merkanzija li kellhom jircievu. Waqt li l-appellant isostni li hu taghhom il-merkanzija li kellhom jircievu. Il-kumpanija f'dan l-istadju iddecidiet li taghti dawn il-kaxxi nieqsa lill-klijenti bi spejjes ghaliha biex izomm il-klijenti milli johduha kontra l-kumpanija.

Kien kemm okkazzjonijiet ohra fejn is-salesmen kienu jghidu lid-Direttur is-Sur Charles Axisa biex ma jibghatilhomx lill-appellant fuq ix-xoghol taghhom. Il-kumpanija argumentat li kien idum ma jidhol lura sa nofsiegha jew is-siegha waqt li shabu kienu jidhlu lura fil-hdax. Barra li kien idum ma jidhol appena jidhol ikun irid jiehu il-break.

It-Tribunal innota illi l-kumpanija enfazizzat principalment il-kaz taghha fuq meta z-zewg Diretturi is-Sinjur Charles Axisa u Stephen Sullivan kienu sejrin isiefru ghal gimgha u in vista tan-nuqqas taghhom mill-ufficcju x-xoghol jonqos drastikament. Huma riedu li d-deliverymen jiehdu gurnata leave kull wiehed peress li matul il-gimgha se jkun msiefra. L-ordni nghatat lis-Sur Rodrick Diacono mid-Direttur is-Sur Charles Axisa, gara li meta is-Sur Diacono wassal l-ordni sab lill-appellant li ma riedtx jaccetta ghax deherlu li l-leave ghandhom johduh meta jridu huma u mhux meta jrid l-imghallem. Ghalkemm l-appellant ghamel din il-protesta accetta li jsir kif gie ordnat. It-tnejn dahal ghax-xoghol izda meta ghamel it-tieni van qal lis-Sur Diacono li jrid imur ghand it-tabib ghax qieghed ihoss ugieh f'dahru. Ghal dan is-Sur Diacono baghtu d-dar. L-appellant mar ghand it-tabib fic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid, invsistah u qallu biex ma jerfa' xejn u ma jqandilx. Ghamillu certifikat ghal gimgha u mlielu l-formola tal-korriment ghax wegga' fuq ix-xoghol. Wara cempell

lis-Sur Diacono u qallu li ghandu gimgha sick u qallu wkoll li l-ghada jmur bic-certifikat.

It-Tlieta beda bis-sick ghax qal li qata' n-nervituri ta' dahru. Il-kumpanija hasset li bnediem li jkollu dak li qal l-appellant zgur ma jmurx l-ghada l-ufficcju isuq Land Rover fit-triq tal-ufficcju mharbta u bla tarmac kif ukoll tela' t-tarag tal-ufficcju li hu wieqaf hafna madwar hamsa u tletin targa fejn deher li ma kienx qed ibati. Kienu dawn ic-cirkustanzi li permess taghhom is-Sur Charles Axisa ha d-decizjoni li jkecci lill-appellant u jgieghel lis-Sur Diacono icempillu u jghidlu biex ma jigix aktar ghax-xoghol.

Xoghol l-appellant kien ta' deliveries fuq in-naha ta' isfel ta' Malta. Meta kien ghadu fil-probation kienu jibghatulu iehor gdid mieghu biex jghallmu u l-anqas kien jaf jikteb. Jghid li mill-ewwel gimgha dara x-xoghol peress li kien kapaci. F'dawk iz-zmienijiet dahlu tlieta ohra pero telqu wara ftit gimghat.

It-Tribunal innota li waqt li l-appellant kien id-dar tkellem mas-Sur Diacono bit-telephone fejn is-Sur Diacono qallu li ghandu bzonnu hafna ghax hemm hafna xoghol. L-appellant qallu li kif ihossu tajjeb imur basta isuq biss ghax it-tabib kien qallu li jista' jsuq izda mhux ghal hin twil.

Punt interessanti ghat Tribunal hu c-certifikat mediku. It-tabib Enzo Degabriele xehed li meta ezamina lill-appellant sab li kellu strain f'dahru li jfisser li kien gibed xi muskolu li jikkagunalu wgieh fil-parti ta' isfel ta' dahru u kien tah medicina u qallu biex iserrah dahru. Minn kif gie spjegat mit-tabib il-fatti kif attribwiti mill-kumpanija huma differenti. Mill-istqarrija tal-kaz tal-kumpanija u wkoll mix-xhieda kemm tas-Sur Charles Axisa u tas-Sur Rodrick Diacono jinghad li l-appellant gibed in-nervituri ta' dahru.

It-Tribunal jikkonsidra illi l-appellant fiz-zmien verament qasir li ghamel fl-impjieg qabel ma rrizulta l-kaz tal-ugieh f'dahru u ha s-sick leave kellu diga twissijiet serji hafna. Il-kumpanija naqset li tindaga kif ghandu jkun meta l-impjegat ipprezenta certifikat mediku.

**<u>Decizjoni</u>**

It-Tribunal Industrijali wara li ra l-istqarrija tal-kaz tal-partijiet sema' x'intqal mix-xhieda jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jsib lit-tkeccija tal-appellant mill-impjieg kienet ghal raguni tajba u sufficjenti.

Ghal fini tal-Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistit fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40)

B'hekk tintemm din il- kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Carauana**
**Chairman**

**Edwin Spiteri**
**Segretarju**